KLR 4/VII/2013

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tlieta 4 ta' Ġunju 2013 fil-17.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joseph Debrincat Maria Portelli, Michel Buttiġieġ u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI: Il-membru Anthony Briffa.

1. Intqalet it-Talba.

**2. Rapport tal-Bord ta' Aġġudikazzjoni – *Service Tender for Project, Technical Consultancy and Management for Victoria Playing Field***

Waqt li kienet qed tiġi diskussa din il-materja s-Sindku ħareġ mill-kamra peress li wieħed mill-offeranti jiġi minnu.

Tressaq ir-rapport finali tal-bord ta' aġġudikazzjoni tal-offerta u dan skond dokument A. Il-membri qablu li jimxu fuq il-parir tal-bord u din l-offerta tingħata lil DTR Ltd.

**3. Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

3.1 il- Gozo Agricultural, Industrial & Cultrual Society rigward il-permess sabiex jintuża l-grawnd Leli Farruġia matul il-Wirja Biedja u Snajja 2013. Il-membri ma sabux oġġezzjoni dment li l-grawnd jintuża biss fid-dati msemmija fl-ittra, ma jsirux *bars* fil-grawnd u l-post jitħalla kif ikun instab. Il-Kunsill jissuġġerixxi wkoll lil dan il-kumitat sabiex jikkordina mal-klabbs tal-futbol sabiex ma jkunx hemm disgwid waqt li jkun qed isir l-armar u ż-żarmar tal-wirja;

3.2 it-Taqsima tla-Kultura u Informazzjoni fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward ktejjeb għat-tfal bit-tema tas-*Sette Gugnio.* Ġie suġġerit li l-Kunsill jixtri ammont minn dawn il-kotba u jqassamhom fl-iskejjel primarji. Il-membri qablu li qabel isir dan, il-Kunsill għandu jara l-format tal-ktieb minn qabel u japprova l-ispiża. Il-Kunsill mhux kontra li jsiru dawn it-tip ta' kotba edukattivi, pero' għandhom jiġu segwiti l-porċeduri li għandu l-Kunsill;

3.3 id-Direttorat ta' l-Artijiet fejn inħarġu żewġ permessi sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem il-ħwienet 'Chip and Dale Snack Bar' fi Triq Enriko Mizzi u quddiem 'Mo's' fi Pjazza J F Kennedy;

3.4 l-MEPA fejn inħareġ il-permess PA/02014/10 li jirrigwardja l-applikazzjoni tal-Kunsill in konnessjoni mal-proġett tal-ERDF. Sadanittant intalbu xi dettalji oħra u dawn ser iħejjihom il-Perit Edward Scerri;

3.5 Andrew Buħaġiar li ssuġġerixxa li jibda jgħati korsijiet tal-*Ballroom* u *Latin American Dancing* fir-Rabat. Il-membri qablu ma dan;

3.6 is-Soċjeta' Filarmonika Leone fejn tat ir-raġunijiet għaliex il-kumitat ta' din is-Soċjeta' m'attendiex għall-konferenza stampa organiżżata mill-Kunsill fl-1 ta' Ġunju 2013. Dan il-kumitat ħassu urtat bis-sħiħ li l-Knisja Katidrali ġiet eskluża mill-festi ta' Jum il-Belt Victoria. Dan speċjalment waqt iż-żjara tal-President ta' Malta. Fl-ittra nkiteb li meta saru żjarat oħra minn Presidenti preċedenti, saret quddiesa fil-parroċċa l-oħra. Dan mhux minnu peress li qatt ma saret quddiesa fil-parroċċi meta fir-Rabat ilqajna l-President ta' Malta. Billi l-fatti ma ġrawx kif miktub fl-ittra minn naħħa tas-Soċjeta' Filarmonka Leone, il-membri qablu li jekk is-soċjeta' ma tirtirax kompletament l-allegazzjonijiet bla bażi kontenuti f'din l-ittra fi żmien 24 siegħa, il-Kunsill ser jlitaqa' sabiex jieħu l-passi li jidhirlu neċessarji. Ta' min jinnota li kien il-Kunsill preċedenti li ddeċieda li jżid l-attivitajiet kulturali bil-parteċipazzjoni taż-żewġ Soċjetatjiet Filarmoniċi f'din il-Belt. Kien imbgħad dan il-Kunsill li baqa' għaddej bl-istess impenn muri fil-leġislatura preċedenti.

## 4. Materji oħra

Il-membri qablu li:-

4.1 jiġi approvat permess ta' *ond day event* lill-Victoria Hotspurs F.C. sabiex fl-11 ta' Awwissu 2013 isir BBQ maġenb il-klabb. Mhux ser tingħalaq it-triq;

4.2 jiġi suġġerit lill-Ministeru għal Għawdex sabiex il-ħajt tal-ġenb tal-ġnien tad-Dawwara li jgħati fi Triq l-Imblokk tal-Franċiż, jitranġa u anke' jsir dawl dekorattiv fin-niċċeċ li fih;

4.3 l-Kunsill jistaqsi lill-Transport Malta jekk il-linji miżbuħa fl-art quddiem l-isqaq ta' Pjazzetta Patri Akkursju Xerri, humiex konformi mar-regolamenti tat-traffiku;

4.4 jibdew isiru *working committees* mill-membri tal-kunsill qabel il-laqgħa tal-Kunsill;

4.5 l-Kunsill jikteb lill-Ministru tas-Saħħa fejn jilmenta minħabba l-fatt li l-*Poli Clinic* ta' Triq Enriko Mizzi ser titneħħa minn dan il-post ċentrali fir-Rabat;

4.6 s-siġra li tinsab fi Pjazza Indipendenza li kienet tqaċċtet bil-maltemp tiġi skolpita minn artist. Dan wara li saret talba minn individwu. Il-membri qablu wkoll li l-istess individwu għandu jkollu l-permessi neċessarji sabiex jagħmel dan;

4.7 jinġab il-permess ta’ Transprot Malta sabiex isir *single yellow line* tul ta’ metru mal-ġnub tal-garaxx li hemm fi Triq it-8 ta’ Diċembru kantuniera ma Triq Għajn Qatet;

4.8 jiġu approvati xogħolijiet ta’ Joe Grima li dwarhom kienu tqajjmu xi mistoqsijiet fil-laqgħa KLR 40/VI/2012. Dawn wara li l-kuntrattur ta spjega aktar dettaljatha dwarhom. Il-pendenzi approvti huma €240 ta’ tpoġġija ta’ pjanċi fi Triq Vajrinġa, €160 ta’ rampa li saret fi Triq San Ġorġ u €55 għax-xogħol li sar biex titpoġġa *bollard* fil-bidu ta’ Triq Sant’ Indrija;

4.9 sabiex tintuża l-Librerija Nazzjonali (Għawdex) għall-Għoti ta’ Ġieħ il-Blet Victoria fl-10 ta’ Ġujun 2013 tingħata donazzjoni ta’ kotba (massimu ta’ €100) lil librerija. Dan ġie suġġerit minn George Cassar l-Assistent Librar;

Il-laqgħa spiċċat fis-19.00 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta 25 ta’ Ġunju 2013 fil-17.00.

Av. Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv